**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru 2017**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 824/2017**

**Econetique Limited**

**vs**

**Melchior Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta' Settembru 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat ghandu ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf, sitt mija, tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€37,663.30) liema somma tirraprezenta in parti diversi pagamenti li gew imhallsa mill-klijenti tas-socjeta attrici lill-konvenut, li kien impjegat mas-socjeta attrici, liema pagamenti pero gew minnu immisappropprijati, u in parti pagamenti maghmula b'qerq mill-konvenut lill-kredituri tieghu, wara li l-konvenut iffalsifika firem fuq cekkijiet tas-socjeta attrici, a dannu tas-socjeta attrici, kif jirrizulta wkoll mill-anness prospett hawn anness bhala Dok. A.

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, il-konvenut baqa' inadempjenti;

3. Illi fil-fehma tas-socjeta attrici il-konvenut ma ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tas-socjeta attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Ghaldaqstant is-socjeta attrici rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici rikorrenti s-somma ta' sebgha u tletin elf, sitt mija u tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€37,663.30) liema somma tirraprezenta in parti diversi pagamenti li gew imhallsa mill-klijenti tas-socjeta attrici lill-konvenut, li kien impjegat mas-socjeta attrici, liema pagamenti pero gew minnu immisapproprijati, u in parti pagamenti maghmula b'qerq mill-konvenut lill-kredituri tieghu, wara li l-konvenut iffalsifika firem fuq cekkijiet tas-socjeta attrici, a dannu tas-socjeta attrici, kif jirrizulta wkoll mill-anness prospett hawn anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenut Ii hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' amminissjoni tal-konvenut prezentata fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 ghall-ammont kif dedott;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' sebgha u tletin elf, sitt mija u tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€37,663.30), liema somma tirraprezenta in parti diversi pagamenti li gew imhallsa mill-klijenti tas-socjeta attrici lil konvenut, li kien impjegat mas-socjeta attrici u li gew minnu immisapproprijati, u in parti pagamenti maghmula b'qerq mill-konvenut lill-kredituri tieghu, wara li l-konvenut iffalsifika firem fuq cekkijiet tas-socjeta attrici, a dannu tas-socjeta attrici, kif jirrizulta mill-prospett markat Dok. A tal-process, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effett.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur